MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1430/2002

**Carmen Vella, mart Emanuel Vella minnu legalment separata, ammessa ghall-beneficcju gratuwitu b' digriet tal-15 ta' Novembru, 2002.**

**-vs-**

**Carmel Mangion.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentata fis-16 ta' Dicembru, 2002 li bih l-attrici ppremettiet:

Illi l-fond Flat 6, Binja 21 ta' Settembru, 1964, San Gwann huwa mikri lill-attrici Carmen Vella.

Illi l-konvenut Carmel Mangion jghix taht l-istess saqaf.

Illi l-attrici ma’ tridx lill-konvenut jibqa’ jghidx f’ dan il-fond ghaliex, fost affarijiet ohra, huwa gie ccertifikat li qed ibati minn mard mentali u qed isofri minn ‘paranoid ideas’ u, minbarra li qed jirritorna d-dar fis-sakra, recentement anke gie armat b’ senter u werwer lill-attrici u lil uliedha li jghixu maghha.

Illi l-konvenut m’ ghandu l-ebda titolu validu fil-ligi fuq l-imsemmi appartament.

Ghalhekk l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikkjara li l-konvenut m’ ghandu l-ebda titolu validu fil-ligi fuq l-appartament Flat 6, Entratura F, Binja 21 ta’ Settembru, 1964, San Gwann.

2. Tordna lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat huwa jivvaka mill-imsemmi fond jew jigi zgumbrat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra privata tal-11 ta’ Dicembru, 2002, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota ta’ xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Konvenut illi fiha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda peress li mhuwiex minnu li l-eccipjetni m’ ghandux titolu validu fil-ligi fuq l-appartament Flat 6, Entratura F, Binja 21 ta’ Settembru 1964, San Gwann.

2. Illi ghaldaqstant isegwi illi anke t-tinei talba ghandha tkun michuda stante illi l-eccipjenti ghandu titolu validu fil-ligi rigward l-imsemmi appartament.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti ma ghandux jigi zgumbrat mill-appartament u dan peress illi huwa jghix hemmhekk ma' uliedu u li ghandu l-kura u l-kustodja taghhom.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota ta' xhieda tal-konvenut;

Semghet lill-attrici u d-difensur taghha.

Rat li l-konvenut ma' pproduca ebda prova.

Rat il-verbal ta' l-20 t-Ottubru, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Li l-attrici oltre x-xhieda taghha, presentat wkoll kopja ta' ricevuta li tindika kjarament li l-fond in kwistjoni hu mikri lilha biss.

Ghaldaqstant il-Qorti **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut** u **tilqa' t-talbiet attrici**, b' dan illi l-konvenut ikollu xahar zmien biex jizgombra mill-fond in kwistjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------